**Nru. 1973**

**STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI TA' MALTA GĦAS-SIGURTÀ TAL-IKEL F'ISEM ID-DIPARTIMENT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI U T-TAQSIMA GĦAR-REGOLAMENT VETERINARJU, KONSERVAZZJONI U KONTROLL TAS-SAJD**

Il-Kummissjoni ta' Malta għas-Sigurtà tal-Ikel f'isem id-Dipartiment għas-Saħħa Ambjentali u t-Taqsima għar-Regolament Veterinarju, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, tinforma lill-konsumaturi li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn wieħed ikun ikkonċernat jew preokkupat fuq il-konsum taċ-ċanga li toriġina mill-Irlanda.

Skont il-*Food Safety Authority* Irlandiża ma hemm l-ebda raġuni għalfejn jiġi irtirat mis-suq laħam taċ-ċanga. Sa issa l-Awtoritajiet Irlandiżi qegħdin ikomplu jagħmlu t-testijiet biex ikunu jistgħu jibqgħu jiċċertifikaw iċ-ċanga. Din is-sitwazjoni qiegħda tiġi segwita mill-qrib mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, inkluża Malta, fejn qed jiġu infurmati b'kull żvilupp li jkun qed iseħħ.

Il-laħam tal-majjal u taċ-ċanga mrobbija u maqtula f'Malta jiġu wkoll iċċekjati għal-livelli tal-PCBs (Poly Chlorinated Biphenyl) taħt il-Programm Nazzjonali tal-Kontroll tal-Laħam u sal-lum dawn it-testijiet kienu dejjem negattivi.

**DOI – 11.12.2008**